**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 26 ta' Mejju 2021**

**Rikors Numru: 100/2014 MLF**

**Joseph Schembri**

**vs**

**Aluminium Limited**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors ta' l-attur li permezz tieghu talab li prevja dikjarazzjoni li r-rikorrent, wara li s-sentenza fl-ismijiet *Victor Licari ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjetà Aluminium Limited vs Rita Schembri u Joseph Schembri bhala kap tal-komunjoni ta' l-akkwisti u ghal kull interess li jista' jkollu* (Cit. Nru 701/91), giet deciza kontrih fit-23 ta' Novembru 2007, fejn huwa gie ikkundannat ihallas is-somma ta' disat elef, disa' mija u sitta u tletin ewro u tmintax-il centezmu (€9,936.18) bl-imghax mill-10 ta' Mejju 1991 u elfejn, mitejn u tnejn u sebghin ewro u erbgha u tletin centezmu (€2,272.34) bhala total ta' spejjez legali, ir-rikorrent fil-fatt hallas indebitament iktar minn kwantu dovut minnu, u dan billi huwa hallas is-somma ta' disgha u ghoxrin elf, mija u disa' ewro u hamsa u hamsin centezmu (€29,109.55) permezz ta' diversi rcevuti u bank drafts, meta skond ir-regoli in materja ta' komputazzjoni ta' imghax kwantu dovut kien jammonta ghal tnejn u ghoxrin elf, mija erbgha u erbghin ewro u sebghin centezmu

(€22,144.70), u b'hekk hallas zejjed is-somma ta' sitt elef, disa' mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€6,964.85), tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta tirrifondi lura lir-rikorrent is-somma ta' sitt elef, disa' mija u erbgha u sittin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€6,964.85), bl-imghax u bl-ispejjez legali.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi t-talbiet attrici huma nfundati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra Joseph Schembri u dan stante illi s-sorte u l-imghaxijiet li thallsu lil Aluminium Limited kienu korretti kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha pprezentati.

4. Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. B’sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili nhar it-23 ta’ Novembru 2007 fl-ismijiet Victor Licari noe vs Rita Schembri et, l-attur u martu Rita Schembri gew ikkundannati jhallsu lis-socjeta’ konvenuta is-somma ta’ Lm4,265.60 flimkien ma’ l-imghaxijiet minn dakinhar li saret talba ghall-hlas b’att gudizzjarju sa meta jsir il-hlas. Dik il-qorti iddecidiet ukoll li l-ispejjez gudizzjarji kellhom ukoll jithallsu mill-attur u martu, hlief dawk ta’ l-ewwel talba fic-citazzjoni li kellha thallashom is-socjeta’ konvenuta.[1]

[1] Ara s-sentenza tat 23 ta’ Novembru 2007 a *fol.* 3 tal-process.

ii. L-attur xehed illi fis-sena 2011 huwa kien ghamel pagamenti permezz ta' tlett *bank drafts* ghaf-favur tas-socjeta' attrici fl-ammont komplessiv ta' €17,000 akkont ta' dak dovut minnu u minn martu. Qal li fl-istess zmien, kienu inbdew proceduri ta' separazzjoni bejnu u bejn martu u li minhabba f'hekk hu ma kienx baqa jaghmel pagamenti lis-socjeta' konvenuta ghaliex fil-fehma tieghu l-pagamenti rimanenti kellhom isiru minn martu. Spjega li ftit taz-zmien wara kien gie notifikat bi proceduri tas-subbasta li kienu ittiehdu mis-socjeta' konvenuta kontra tieghu fuq sehmu minn propjeta' li l-attur kellu ma hutu. Qal illi hu ma xtaqx illi jkollu problemi ma familtu u ghalhekk kien iddecieda li jkompli jhallas lis-socjeta' konvenuta l-ammont kollu li kienet qeghda tippretendi. Xehed li b'kollox kien hallas lis-socjeta' konvenuta is-somma ta' €29,109.55. Spjega li fuq parir li kien ha minghand l-avukat tieghu, l-ammont li kellu jhallas kien €22,144.70 u b'hekk hu kien hallas €6,964.85 aktar minn dak li kien dovut minnu.[2]

iii. Joseph Licari, Direttur tas-socjeta' konvenuta, xehed li l-komputazzjoni tal-imghaxijiet kienet saret mill-prokuratur legali u li l-ezekuzzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta permezz tal-procedura tas-subbasta saret ghab-bazi ta' din il-komputazzjoni.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz ta' din il-kawza l-attur qieghed jitlob li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata tirrifondilu hlas zejjed li ghamel wara sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili li kienet ikkundannat lilu u lil martu jhallsu lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' Lm4,265.60 ekwivalenti ghal €9,936.18. L-attur jikkontendi li bl-imghax u bl-ispejjez huwa hallas is-somma komplessiva ta' €29,109.55, mentri fir-realta' s-somma dovuta kellha tkun ta' €22,144.70, u dan peress li ghab-bazi tal-principju *non ultra duplum*, l-imghax li jiddekorri fuq dejn ma ghandux jissupera l-kapital. B'hekk l-attur qieghed jitlob li jigi r-rifuz is-somma ta' €6,964.85 mhallsa zejda minnu lis-socjeta' konvenuta.

[2] Ara l-affidavit tal-attur a *fol.* 42 tal-process u l-bank drafts u ricevuti a *fol.* 9 sa 20 u *fol.* 44 u 45 tal-process.

7. Da parti taghha, s-socjeta' konvenuta mhijiex qed tikkontesta l-fatt li hija rceviet is-somma ta' €29,109.55 minghand l-attur, izda tikkontendi li l-ammonti thallsu ghab-bazi ta' kalkolazzjonijiet korretti.

8. L-attur qieghed jibbaza t-talba tieghu billi jirreferi ghar-regola tal-*ultra duplum* u jghid li l-imghax li huwa kellu jhallas ma kellux ikun aktar mis-sorte li kien kanonizzat bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-23 ta' Novembru 2007. Dwar l-applikazzjoni tal-kuncett tal-*ultra duplum* fl-ordinament guridiku taghna, fis-sentenza fl-ismijiet **Caterina Bonello et vs Giuseppa Lanzon**, moghtija mill-Qorti tal-Kummerc[3] fl-14 ta' Jannar 1964 inghad hekk:

"*Jekk fid-dritt Ruman kien hemm dispozizzjoni illi kienet tillimita l-hlas tal-imghax sal-ammont tal-kapital anke jekk isir f'diversi drabi, skond il-Novelle 121 u 138 ta' Giustiniano, dawn id dispozizzjonijiet ma kellhomx applikazzjoni f'dawn il-Gzejjer, a differenza tal-ligi 27 Cod di Usuria li tillimita l-ammont tal-lukri mhux imhallsa sal-ammont tal-kapital dovut, dispozizzjoni illi dejjem baqghet in vigore fis-sistema taghna*."

9. Fil-kaz odjern, it-tezi tal-attur hija li r-regola dwar l-*ultra duplum* lanqas ghandha tapplika f'kaz ta' kanonizazzjoni permezz ta' sentenza u jargumenta li anke f'dan il-kaz l-imghax fuq is-sorte ma kellux jissupera l-istess sorte. F'dan ir-rigward fis-sentenza fl-ismijiet **Francis Penza vs John Mallia** moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede Kummercjali) nhar tal-20 ta' Lulju, 1994 gie ritenut illi:-

"*Il-ligi taghna difatti ma tistax tkun iktar cara u esplicita minn dak li tistupula fl-Art. 1139 tal-Kodici Civili (Kap. 16) u cioe`:*

> *'jekk l-obbligazzjoni li jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija.'*

[3] *Per* Imhallef A. Gauci Maistre

*Ikun hemm uzura ghalhekk jekk, ghall-grazzja tal-argument il-kreditur jitlob penali oltre l-interessi jew inkella jekk jitlob imghaxijiet li jissuperaw it-tmienja fil-mija fis-sena (ara Art. 1852 ta' l-istess Kap) imma, altrimenti, ir-regola li tipprojbixxi l-ultra duplum ma tirreferix, ma tapplikax, u ghalhekk wkoll ma tistax tigi estiza ghal obbligazzjonijiet bhal din il-kawza meta l-ligi stess tipprovdi xort'ohra.*

*In-natura ta' 'danni' inerenti f'dan ix-xorta ta' interessi tant hija netta u mmarkata li fl-Art. 1140 tal-Kap 16 insibu wkoll li tali nteressi ghandhom jithallsu minghajr ma jkun mehtieg li l-kreditur jipprova li bata xi telf. Illi li kieku l-Qorti kellha taccetta l-argument ta' l-appellant il-konsegwenza tkun li meta procediment ta' kawza jidher tul aktar milli previst biex jigi determinat allura awtomatikament ikun jfisser li f'kaz li l-ezitu jkun sfavorevoli ghad-debitur, id-dewmien ikun qieghed jivvantaggja u jippremja lilu ghaliex l-interessi dovuti in linja ta' danni ma jkunu qatt jistghu jissuperaw il-kapital u dana meta l-ligi in kwistjoni ma tghid xejn minn dak u quid lex voluit, dixit.*"

10. Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Bank of Valletta plc vs Carmelo Farrugia Melfar Ltd et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 gie ritenut hekk:

"*13. Ir-regola li l-imghax ma jistax jitla' aktar mill-kapital hija regola gejja mid-dritt Ruman, kodifikata fil-Lex 27 Cod. de usuris – li tghid illi l-imghax mhux imhallas ma jistax jitla' aktar mill-kapital – u fin-Novelli 121 u 138 – li jghidu li l-imghax kollu, ukoll dak ga imhallas, ma jistax ikun aktar mill-kapital.*[4] *Dawn kienu uhud minn serje ta' interventi legislattivi mahsuba biex iharsu lid-debitur, fosthom il-leges fenebres u r-regola kontra l-anatocizmu, li nsibuha wkoll fil-Kodici Civili. Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imghaxijiet konvenzjonali, i.e. usurœ in obligatione, usurœ quœ officio iudicis prœstantur.*

*14. Barra minn hekk, gie stabbilit ukoll illi r-regola ultra duplum ma tolqotx imghaxijiet fuq il-passiv fejn tinghata facilita` ta' overdraft.*

---

[4] *Ghalkemm il-lex de usuris hija parti mid-dritt Malti, in-Novelli 121 u 138 ma kinux inkorporati: ara John Francia nominee v. Alfredo Apap, Kumm. 15 ta' Jannar 1935, Vol. XXIX-III-73, u Caterina Bonello et v. Giuseppa Lanzon, 14 ta' Jannar 1964, Vol. XLVIII-III-1363.*

*15. Qalet sew ghalhekk l-ewwel qorti illi r-regola "hija applikabbli ghall-kuntratt ta' mutwu", izda "mhux applikabbli ghal kuntratt ta' overdraft" u wkoll "ma hix applikabbli fil-kaz ta' kanonizzazzjoni ta' flus b'sentenza".*

11. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, l-attur jiccita in sostenn tat-tezi tieghu is-sentenza **Cecil Pace et vs Emanuel A. Bonello** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2014. Pero huwa jiccitta biss dik il-parti tas-sentenza li tispjega l-istorja tar-regola tal-*ultra duplum.* Pero konvenjentement, l-atturi ma jiccitax il-kumplament ta' dan il-paragrafu tas-sentenza u cioe is-segwenti:
*"Dawn il-provvedimenti kienu jolqtu l-imgħaxijiet konvenzjonali, i.e. usuræ in obligatione, u mhux usuræ quæ officio iudicis præstantur.*

*52. Li r-regola ma tapplikax fil-każ ta' usuræ quæ officio iudicis præstantur jirriżulta wkoll mill-ġurisprudenza ta' dawn il-qrati: "… … … secondo la regola di diritto non si possono domandare interessi superiori all'ammontare della sorte principale. … … … [T]ale regola … … … soffre eccezione nel caso vi fosse una contestazione di lite col debitore.*[5]

12. Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dawn l-insenjamenti li jaghmluha cara li r-regola tal-*ultra duplum* mhijiex applikabbli fil-kaz ta' kanonizazzjoni ta' flus b'sentenza. Li kieku kif jargumenta l-attur l-imghax fuq is-sorte kanonizzat b'sentenza kellu jitwaqqaf meta l-imghax jilhaq is-sorte, dan ikun ifisser li meta jigri hekk ikun konvenjenti ghad-debitur li jtawwal il-proceduri jew li jipposponi l-pagament ghaliex ma jkunx qieghed jigi penalizzat ghal dak in-nuqqas ta' hlas. F'kazijiet bhal dawn fejn is-sorte ikun kanonizzat b'sentenza, id-dejn ikun dovut *officio iudicis* u l-imghax li jiddekkorri mid-data stabbilita fis-sentenza jirraprezenta d-danni sofferti mill-kreditur ghan-nuqqas ta' hlas da parti tad-debitur, u dan wara kollox, kif mahsub fl-Artikoli 1139 u 1140 tal-Kodici Civili, kif qalet il-Qorti tal-Appell (sede Kummercjali) fis-sentenza **Francis Penza vs John Mallia** fuq citata.

13. Konsegwentement, it-talba tal-attur mhijiex misthoqqa u ghalhekk ser tigi michuda.

[5] *Baldassare Randon et versus Regina Apap et, P.A. 26 ta' Ġunju 1871, Vol. V, 568.*

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghdha:

1. Tilqa l-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u konsegwentement tichad it-talba tal-attur fl-intier taghha.

L-ispejjez in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-attur.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**